MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Numru. 203/2003

**IL-PUILIZIJA**
**SUPRITENDENT MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**JOSEF AGELI ta' 32 sena, iben Farag Erhoma u Rosina nee' Buhagiar, imwieled Tal-Pieta' nhar l-24 ta' Jannar, 1980, residenti fil-fond Flat 4, Block 1, Triq Brittanika, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 88280M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Josef Ageli** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Jannar, 2003, ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' fil-ghodu, gewwa l-lukanda Corinthia San Gorg, San Giljan, gewwa l-parti maghrufa bhala Duke's Bar, u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Karl Josef Bonello, u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' diversi oggetti, liema hsara tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00) u dan ghad-dannu tal-lukanda Corinthia San Gorg, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b-ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-istadju ta' l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ghall-istess tal-Avukat Generali.

Xehdu s-saljenti:
Karl Bonello qal illi dan l-incident gara fl-ewwel tas-sena 2003. Kien gewwa Diner Duke's go party, San Gorg Corinthia, gewwa San Giljan. Kien qieghed jizfen mat-tfajla tieghu. Ra tfajla taghmel xi mossa, hares u kien hemm li qala' daqqa ta' hgiega go wiccu.
Instabat u sab ruhu barra, spicca ttiehed l-Isptar bl-ambulanza. Spjega li qala' daqqa ta' tazza. Qal illi t-tazza raha gejja fl-ahhar, pero li ma kellux cans. Xehed illi laqtitu fuq wiccu u fuq mohhu, u spicca bi tletin punt (30 – 32 circa). Innega li hu kellu xi argument ma' xi hadd.

Xehdet ukoll it-tfajla tieghu Daphne Camilleri li wkoll ikkonfermat illi kienet gewwa Duke's Diner, Corinthia, fl-ewwel tas-sena. Kienu hemm mal-hbieb taghhom. Kienet qieghda tizfen ma' Karl, u fil-pront xehdet illi rat lil xi hadd jgholli jdejh u jitfa' tazza. Din infaqghet go wicc Karl. Spjegat illi Karl kien 'il boghod mill-imputat madwar metru u nofs. Gharfet lill-istess Ageli mill-qmis li kien liebes li

kellha fuqha miktub kliem kbar “Dolce Gabbana” (ezebit bhala Dok MS, ritratti juru dan). Qalet illi gharfet lill-impuat mill-ewwel u li hu pprova jitlaq minn hemm. Identifikatu fil-party mill-qmis imsemmija. Dwar il-fatt illi ratu jitfa’ t-tazza kienet certa mija fil-mija.

PS 69 Jesmond Cassar xehed illi hu kien mar il-Corinthia San Gorg gewwa d-Duke’s Bar minhabba li gew imsejhin fuq glieda li sakemm waslu kienet diffusa. Kienu baghtu ghalihom skondtu minhabba tfiegh ta’ tazzi u fliexken. Hu fil-post ra tkissir ma’ l-art ta’ hgieg u tazzi.

Minn naha taghha Annalise Camilleri xehdet illi anke hi kienet Duke’s Diner, Corinthia, party ta’ l-ahhar tas-sena. Marret mal-bar iggib zewg drinks ghaliha u ghal Karl, hemm rat lil Josef jitfa’ tazza lil Karl Bonello li laqtitu f’wiccu. Qalet illi saret taf x’kien jismu meta marru l-Isptar u ltaqghet mieghu. Gharfitu bhala l-persuna li tefa’ t-tazza lil Karl u bhala l-imputat. Xehdet illi ma ratx glied.

In kontro ezami wiegbet illi f’dan il-party kien hemm bejn wiehed u iehor mija u hamsin ruh. Qalet illi kien party normali. Qalet illi wara li Karl qala’ d-daqqa go wiccu, hi harget barra mieghu, baqghet izzommlu wiccu, ghalhekk ma kinitx taf x’kien qieghed jigri gewwa.

Giet ezebita wkoll mis-Supritendent Martin Sammut dokument li kien juri l-hsara sofferta fil-lukanda dakinhar ta’ l-incident, Dok JA1, folio 67, li tammonta ghal Lm205.00 eskluz il-VAT.

Minn naha tieghu Dr Jonathan Joslin xehed dwar certifikat mahrug minn Dr D Tabone assenti, Dok MS folio 91, li juri li Karl Bonello sofra griehi ta’ natura gravi.

Xehed anke l-imputat minn jeddu (ghat-tieni darba stante li l-ewwel darba x-xhieda tieghu ghal ragunijiet teknici ma gietx registrata.

Xehed ukoll l-imputat Josef Ageli ghal dan ukoll li fil-hin ta’ l-incident kien gewwa Duke’s Diner, dan fl-ahhar tas-sena. Qal illi f’daqqa u l-hin inqalghet glieda li maghha hu ma

kellux x'jaqsam. Tant kienet kbira din il-glieda li fuq il-post waslu anke pulizija u suldati. Qal illi anke hu mar l-Isptar flimkien ma' siehbu li kien wegga' fil-glieda.
Mistoqsi dwar jekk hu fil-fatt kienx xehet tazza kif xehdu li rawh jaghmel xhieda ohra, wiegeb fin-negattiv.

Xehdet ukoll Leonella Grech, l-gharusa ta' l-imputat. Irrakkontat ukoll dak li kien gara fl-ahhar tas-sena. Xehdet illi kienu f'party open bar gewwa Corinthia Paceville. Qalet illi f'daqqa wahda inqalghet glieda, rat hafna hgieg ghaddej, anke rat lil habibitha Melissa mwegga'. Qalet illi bdew jigu mbuttati 'l fuq, anke hi u l-imputat, cioe' biex johorguhom 'il barra. Xehdet illi bhala nies kien hemm bejn erba' u hames mitt ruh.
Mistoqsija jekk ratx lil Josef iwaddab xi haga, wiegbet illi kieku ratu ghax kienet mieghu, pero kkoncediet in kontro ezami li f'dak l-ecitament kollu seta' ghamel xi haga li hi ma ratx.

Ikkunsidrat:

Illi certament Josef Ageli gie identifikat minn zewg xhieda bhala l-persuna li tefa' tazza u fera b'mod gravi lil Karl Josef Bonello. Jirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-imputat u dik ta' l-gharusa tieghu, kif ukoll mill-istaff tal-Corinthia u l-pulizija li marru fuq il-post, li din ma kinitx biss kwistjoni ta' tfiegh ta' tazza, pero hawn fil-fatt inqalghet glieda sostanzjali, tant illi gie kkonstatat diversi ksur ta' tazzi u ash trays ma' l-art, allura hgieg.

Ghalkemm ix-xhud tal-Prosekuzzjoni Analise Camilleri qalet illi fil-party kien hemm biss hamsin ruh, xhieda ohra qalu li kien hemm xi 400 jew 500 ruh.

Illi certament f'ammont daqshekk kbir ta' nies, anke jekk il-qmis ta' l-imputdat kienet distingwibbli, difficli wiehed jasal biex jidentifika min ghamel xiex, anke in vista' tal-fatt illi jidher li nqalghet rissa cara.

In vista' ta' hekk, din il-Qorti tqis illi m'ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------